# FLUS IR-REGĦBA ĦAJJA QASIRA

SA flaħħar, wara ħafna tiġbid u tlaqliq, il-ftehim sar u n-negozju seħħ. Biċċa negozju tajba li bħala f'ħajtu qatt ma għamel. Ħames mitt lira ta' erba' xkejjer zokkor u sitt xkejjer dqiq! U ngħid li negozju tajjeb! U kemm għandu qligħ minnhom il-ħames mitt lira? Dak hu biss jafu, bħalma hu biss jaf ma' liema "convoy" wasallu dak il-ġid u ġid ieħor li kellu maħżun. Ma noqogħdux inqallbulu l-karti, għax żmien u xogħol mitluf.

Ħames mitt lira ta' ftit xkejjer dqiq u zokkor li sentejn ilu ma kinux jinbiegħu aktar minn sebgħa jew tmien liri li minnhom kont trid taqta' l-ispejjeż! Imma s-suq mhux f'idejja—kien jaħseb—is-suq jitla' u jinżel skond iż-żminijiet. X'naħti jien jekk issa tela' daqshekk fil-għoli? — Fl-aħħar minn l-aħħar, kieku niżel kien ikolli nbigħ bir-roħs. Dan logħob tas-suq; aqbdu fil-waqt, għax jekk titilfu l-lum ma tafx issibux għada. U, imbagħad mhux kollox għoli? Wiżna patata mhux lira? Bajda mhix skut jew żewġ xelini? Siegħ ful mhux lira u xi ħaġa magħha? Żarbun mhux tliet liri jew erbgħa? Libsa mhix sittax-il lira? Il-ħaddiem mhux imħallas daqs bniedem tal-professjoni? U daqsxejn ta' impjegat ta' wieħed mill-uffiċċji maħluqin mill-gwerra mhux imħallas daqs kap ta' dipartiment? Ħaġa kbira, mela, jekk sa ndaħħal ftit liri ta' għaxar xkejjer dqiq u zokkor?

Bi kliem bħal dan, jew bi ħsibijiet bħal dawn, kien ifittex li jsikket il-leħen dgħajjef tal-kuxjenza tiegħu li kienet tgħajjru: ħalliel! U b'ruħu mxaħxħa b'dan it-tħannin niżel il-maħżen jiftaqad dak il-ġid qabel ma jinġarr imkien ieħor. Hemm kienu f'rokna mwarrba tal-maħżen, moħbijin mill-ħarsa għarriexa tal-barrani. Hemm kienu x-xkejjer—aktar minn għaxra—weqfin u mweżnin waħda ma' l-oħra, donnhom jistaqsu lil xulxin xinhuma jagħmlu hemm ġew, u għax ma joħorġux barra jtaffu l-ġuħ tal-poplu. Hemm kienu sektin, imma s-skiet tagħhom kien qalil u aħrax aktar mill-aqwa saħta.

Resaq lejhom is-sid qisu dieħel f'maqdes. Fliehom waħda waħda b'għajnejh, u bi tbissima ħafifa messhom kollha, tap-tpilhom b'idu, qisu jżiegħel bihom qabel ma jinfired minn-

hom, għaddhom u reġa' għaddhom donnu ma riedx jemmen 'il għajnejh, u b'idu l-waħda fuq xkora zokkor u l-oħra fuq qaddu waqaf iħares b'dik il-ħarsa żienja donnu msaħħar minn xi ruħ ħażina. Dak il-ħin ma kienx jara quddiem għajnejh ħlief ħames qatet ta' mitt lira l-waħda, u ħafna oħra aktar tal-ġid li kien għad baqa'. Xejn ma ħaseb fix-xjuħ, morda u trabi jnewħu u jibku mqar għal ftit misħun biz-zokkor li ommhom jew uliedhom ma kinux jistgħu jagħtuhom. Anqas ma ħaseb li dawk il-ħames qatet ta' karti maħmuġa jridu jinġemgħu mill-għaraq tal-ħaddiem. Xejn ma għadda minn moħħu, it-taħbit, il-mewt il-qerda biex wasal dak il-ġid hawn, u li wasal biex jitqassam mhux biex jinħeba. F'xejn ma ħaseb ħlief f'dawk il-ħames qatet ta' karti maħmuġa li wara ftit sigħat oħra kellhom ikunu f'idejh.

* * *

Ħareġ. Daqqet is-sirena. "Air raid". Fix-xelter. Bomba li ġiet dritt fuq il-maħżen tajret ix-xkejjer kollha tad-dqiq u taz-zokkor flimkien mal-qatet kollha ta' karti maħmuġa li kienu jiżfnu quddiem l-għajnejn rgħiba tan-neguzjant.

P. P. Saydon.